# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**B.A., LL.D., DIP. TRIB. ECCLES. MELIT.**

**Rikors Maħluf Nru: 77/2020**

**CLAUDIO MANĠION**

**VS.**

**CHARLENE FRIĠĠIERI U GLENN GERALD URRY**

1. Dan huwa digriet għar-rikors imressaq minn Charlene Friġġieri fil-**<u>15 ta' Marzu, 2021</u>**, li permezz tiegħu hija talbet lil din il-Qorti sabiex tiġbed għal quddiemha il-kawża ***Charlene Friġġieri vs. Claudio Manġion et*** **(Rik. Maħluf Nru. 201/2021MH)**;

2. Fir-rikors tagħha, Charlene Friġġieri tfisser li hija ressqet ir-rikors maħluf numru 201/2021MH sabiex hija titlob fost ħwejjeġ oħra t-tħassir ta' kitba privata. Din il-kitba privata hija l-istess waħda li fuq is-saħħa tagħha Claudio Manġion qiegħed jippretendi li għandu jitħallas f'din il-kawża 77/2020CFS, li fetaħ quddiem din il-Qorti;

3. Ir-raġunament ta' Charlene Friġġieri huwa li ladarba bejn il-kawżi 77/2020CFS u 201/2021MH hemm rabta fis-suġġett u l-provi li sejrin

jinġabru fihom jgħoddu għat-tnejn li huma, allura bix-xieraq li l-istess Imħallef għandu jiddeċiedi ż-żewġ każijiet flimkien;

4. Glenn Gerald Urry, li huwa konvenut f'din il-kawża, wieġeb fit-**<u>13 ta' Mejju, 2021</u>** u qal li għalkemm huwa ma jafx x'fiha l-kawża 201/2021MH għax kien għadu ma ġiex notifikat biha, madankollu bħala prinċipju huwa ma jsibx oġġezzjoni biex dawn iż-żewġ kawżi jimxu u jinqatgħu flimkien;

5. Claudio Manġion, li huwa l-attur f'din il-kawża 77/2020CFS, baqa' ma weġibx għal dan ir-rikors, minkejja li l-avukat tiegħu Amadeus Cachia, b'ħarsien tad-digriet tas-16 ta' Marzu, 2021 (ara paġna 69 tal-atti), ġie notifikat personalment fit-30 ta' Marzu, 2021 (ara paġna 70 tal-atti);

6. Illi l-Qorti tqis li Charlene Friġġieri ma ppreżentatx kopja tar-rikors maħluf li hija ressqet fil-kawża 201/2021MH u għalhekk din il-Qorti mhijiex għalissa f'qagħda xierqa li tiddeċiedi jekk huwiex tassew minnu li hemm suġġett komuni bejn il-kawżi 77/2020CFS u 201/2021MH;

7. Barra minn hekk, il-Qorti tħoss li kien ikun aħjar li kieku Charlene Friġġieri indikat jekk it-talba tagħha kinitx imsejsa fuq l-**artikolu 792** jew fuq l-**artikolu 793 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

8. Minkejja li wieħed jista' forsi jaħseb li l-kunċetti tal-*lis alibi pendens* u tal-konnessjoni tal-kawżi huma qrib xulxin jew li jixxiebħu, madankollu fil-verità dawn mhumiex l-istess u anzi huma regolati fil-liġi tagħna b'mod differenti minn xulxin;

9. ***<u>Lis alibi pendens</u>*** hija frażi Latina, li tirreferi għal meta azzjoni fuq l-istess oġġett jew mertu tkun pendenti x'imkien ieħor. Din hija kwestjoni serjissima għaliex jekk ikollok żewġ qrati li qegħdin jisimgħu l-istess tilwima dan jista' jwassal għal deċiżjonijiet li ma jaqblux bejniethom. Illi minħabba f'hekk, din l-eċċezzjoni tixxiebaħ f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi kostitutivi

tagħha mal-eċċezzjoni tal-ġudikat (ara f'dan is-sens ***Silvio Frendo et vs. Rudolph Gatt*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu, 2015 u ***Crocifissa Sammut et vs. Joseph Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2003). Kif ġie mpoġġi tajjeb ħafna mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza ***Anatoli Reznikov et vs. Nikolai A. Kotivov nomine*** maqtugħa fl-24 ta' Marzu, 1994,

> «*The plea is somewhat parallel with the plea of exceptio rei judicatae. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more tha one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue»;*

10. Jekk jintwera li jkun hemm żewġ proċeduri pendenti fuq l-istess oġġett jew mertu bejn l-istess partijiet, il-konsegwenza tkun skont l-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li l-aħħar kawża li tkun saret tintbagħat quddiem l-Imħallef li jkun qed jisma' l-ewwel kawża sabiex il-mertu taż-żewġ kawżi jinstemgħu fi proċess wieħed (ara ***Joseph Attard et vs. Mario Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);

11. Mill-banda 'l-oħra fil-każ tal-**<u>konnessjoni tal-kawżi</u>**, il-mertu bejn l-ewwel u t-tieni kawża ma jkunx l-istess bħal fil-każ tal-*litis pendentia*. Fil-fatt skont l-**artikolu 793(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, anke jekk ikun hemm tgħaqqid tal-kawżi huwa dejjem meħtieġ li kull kawża konnessa jkollha sentenza mogħtija għal rasha (ara ***Maria Debono et vs. Avukat Dr. Paolo Mercieca et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit- 30 ta' Jannar, 2004). Din hi ħaġa li l-liġi ma titlobx fil-każ tal-*litis pendentia*. Tassew, biex jidħol fix-xena l-**artikolu 793** dwar il-konnessjoni tal-kawżi, dak li jrid jintwera huwa li bejn iż-żewġ kawżi hemm suġġett komuni li jorbothom flimkien jew inkella

jintwera li l-eżitu ta' waħda mill-kawżi tista' tinfluwenza l-mod ta' kif għandha tinqata' l-kawża l-oħra,

12. Illi lura għall-każ tagħna, il-Qorti qiegħda tifhem li l-ħsieb ta' Charlene Friġġieri wara r-rikors tagħha tal-15 ta' Marzu, 2021, kien li titlob għat-tgħaqqid tal-kawżi skont l-**artikolu 793 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan qed tgħidu għaliex fir-rikors jintużaw il-kliem «*hemm konnessjoni ta' suġġett*» li huwa kliem li nsibu fit-test tal-**artikolu 793 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

13. Però jekk kif qed tgħid Charlene Friġġieri l-għan aħħari wara l-kawża 201/2021MH huwa t-tħassir tal-kitba privata tal-14 ta' Marzu 2019 minħabba allegat simulazzjoni, allura bejn il-kawżi 201/2021MH u 77/2020CFS mhux konnessjoni ta' suġġett hemm, iżda saħansitra oġġett komuni;

14. Dan qed jingħad għaliex fost l-eċċezzjonijiet imressqa minn Charlene Friġġieri fl-ewwel kawża 77/2020CFS, tqajmet in-nuqqas ta' siwi tal-kitba privata, sewwasew minħabba allegat simulazzjoni;

15. Kif inhuwa miżmum fil-ġurisprudenza, in-nuqqas ta' siwi ta' ftehim minħabba simulazzjoni jista' jitqajjem mhux biss b'azzjoni għal rasha iżda anke bil-mezz ta' eċċezzjoni fi tweġiba għar-rikors maħluf (ara fost oħrajn ***Michele Mifsud vs. Giorgia Mifsud et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Mejju, 1959 u aktar qrib għaż-żminijiet tal-lum ***Annot Company Limited vs. Roberto Carlos Calleja*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru, 2017). Terġa' u tgħid, hija l-liġi stess li tgħid fl-**artikolu 1226(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, li l-eċċezzjoni ta' nullità tista', f'kull żmien, tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt;

16. Billi minn dak li qiegħda tifhem il-Qorti, kemm fil-kawża 201/2021MH u kif ukoll fil-kawża 77/2020CFS qiegħda titqanqal il-kwestjoni marbuta man-

nullità tal-kitba privata tal-14 ta' Marzu, 2019, allura aktar milli każ għat-tgħaqqid tal-kawżi minħabba suġġett komuni, iktar jeżisti każ ta' *lis alibi pendens* minħabba li hemm żewġ kawżi fuq l-istess oġġett, *viz*. is-siwi jew le tal-kitba privata;

17. Kien ikun hemm suġġett komuni bejn il-kawżi 201/2021MH u 77/2020CFS u għaldaqstant każ ta' konnessjoni ta' kawżi, li kieku l-kwestjoni dwar in-nullità tal-iskrittura privata tqanqlet biss fil-kawża MH. Madankollu ladarba l-kwestjoni dwar is-siwi tal-kitba privata tqanqlet mhux biss fil-kawża 201/2021MH iżda anke fil-kawża 77/2020CFS allura bejn iż-żewġ kawżi mhux suġġett komuni biss hemm bejniethom iżda hemm l-istess mertu u dan għalhekk jagħmlu każ ta' *litis pendentia*;

18. Fl-aħħarnett, tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni wkoll li talba taħt l-**artikolu 793(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għall-konnessjoni ta' kawżi, kuntrarjament għall-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** dwar il-*lis alibi pendens*, ma teħtieġx stħarriġ ta' liema kienu l-ewwel u l-aħħar qorti li appuntaw il-kawża. Għalhekk talba għat-tgħaqqid tal-kawżi tista' titressaq u tintlaqa' minn kull wieħed mill-Imħallfin li qed jisma' l-kawżi 77/2020CFS u 201/2021MH;

19. Mod ieħor iżda, fil-każ ta' talba dwar *lis alibi pendens* taħt l-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, it-talba għar-rinviju, kif tajjeb imfisser fil-provvediment tal-5 ta' Frar, 2015 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża ***Josephine Azzopardi pro et noe vs. L-Onorevoli Prim Ministru et*** **(Rik. Nru 75/2014JZM)**, «*m'għandhiex tkun diretta lil din il-qorti, bħala l-qorti li quddiemha tressqet l-ewwel kawża, iżda t-talba għandha ssir lill-qrati li qegħdin jisimgħu l-kawżi li tressqu* ***<u>wara</u>*** *dik bin-numru u fl-ismijiet premessi»;*

20. Tassew it-talba għal-*lis alibi pendens* ma tistax titressaq quddiem il-qorti li qed tisma' l-ewwel kawża iżda tista' titressaq biss quddiem il-qorti li qed tisma' t-tieni kawża (ara ***S&d Yachts Limited vs. Sealion Shipping Co. Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Mejju, 2005);

21. Il-kliem użat fl-**artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa «*il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra*». L-imħallef li qiegħed ipoġġi f'din il-kawża 77/2020CFS m'għandux s-setgħa b'hekk li jindaħal fl-atti 201/2021MH, li mhumiex qegħdin jinstemgħu quddiemu. Ifsser allura li huwa ma jistax jibgħat l-atti ta' din it-tieni kawża. L-aktar li jista' jagħmel l-Imħallef tal-ewwel kawża huwa li jirċievi t-tieni kawża, jekk l-Imħallef tat-tieni kawża jidhirlu li hemm raġunijiet siewja biżżejjed biex jibgħat it-tieni kawża lill-qorti li qiegħda tisma' l-ewwel kawża;

22. Ta' min iżid jgħid ukoll li kif ġie deċiż fis-sentenza ***Joseph Attard et vs. Mario Attard et***, ġa fuq imsemmija, talba ta' *lis alibi pendens* trid tiġi maqtugħa b'sentenza u mhux b'sempliċi digriet;

23. Biex wieħed jiġbor kollox, din il-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' t-talba ta' Charlene Friġġieri, meta wieħed iqis: (i) li hija ma newwlitx kopja tar-rikors maħluf tal-kawża 201/2021 MH; (ii) li mit-tagħrif mogħti fir-rikors tagħha, aktar jidher li hemm każ *ta' litis pendentia* milli ta' rabta ta' kawżi; u (iii) li f'kull każ talba dwar *litis pendentia* ma tistax titressaq quddiem il-qorti li qed tisma' l-ewwel kawża biex tiġbed it-tieni kawża iżda talba bħal din trid titressaq quddiem il-qorti li qed tisma' t-tieni kawża li għandha l-fakoltà li twettaq ir-rinviju wara li tqis jekk hemmx l-istess *eadem res, eadem causa petendi* u *eadem personæ*;

**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qiegħda għalhekk tiċħad it-talba magħmula minn Charlene Friġġieri permezz tar-rikors tagħha tal-15 ta' Marzu 2021;**

**L-ispejjeż marbuta ma' dan ir-rikors huma mħollija għal meta tingħata s-sentenza finali;**

**Digriet kamerali mogħti llum, nhar it-Tnejn, 17 ta' Mejju, 2021.**

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**